**Il-Ħamis**

**It-Tielet ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Alla l-qawwi, kif il-ħlejjaq
tnisslu b'kelmtek fi ħdan l-ilma,
int qassamthom, xi wħud fl-ajru,
iżd'oħrajn fl-imwieġ ħallejthom.

2.
Tajt lil dawn ix-xmajjar, l-ibħra;
mas-smewwiet lil dawk xerridthom;
biex sew fuq sew taħt jiżegħdu,
għalkemm jafu bidu wieħed.

3.
Nitolbuk, Mulej, biex aħna,
li bil-mewġ tad-demm tnaddafna,
ma naqgħux fit-tajn tal-ħtija,
ma nerfgħux tal-mewt it-toqol.

4.
Tħalliniex bid-dnub nitgħaffġu
jew nintrefgħu bina nfusna,
biex la nsiru frak quddiemek
lanqas nieħdu xi tisbita.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Ħbiebek jidħlu f'darek, Mulej, b'għajat ta' ferħ.
L-Għid: Il-Mulej Alla tah it-tron ta' David missieru, hallelujah.

**Salm 131 (132)**
**I**
Ftakar, Mulej, f'David *
u fl-hemm tiegħu kollu.
Ftakar kif hu ħalef lill-Mulej, *
u wiegħed lil Alla l-Qawwi ta' Ġakobb:

"Ma nidħolx taħt is-saqaf ta' dari, *
ma nitlax fuq il-friex ta' soddti,
ma nagħlaqx għajnejja u norqod, *
u anqas nagħlaq xfar għajnejja bin-ngħas,

sa ma nsib post għall-Mulej, *
għamara għal Alla l-Qawwi ta' Ġakobb."

Araw, smajna bl-Arka f'Efrata, *
sibnieha fir-raba' ta' Ġagħar.
Ħa nidħlu fl-għamara tiegħu, *
ninxteħtu quddiem il-mirfes ta' riġlejh!

Qum u ejja, Mulej, lejn il-misrieħ tiegħek, *
int u l-Arka tal-qawwa tiegħek.
Jilbsu l-ġustizzja l-qassisin tiegħek, *
jgħajtu bil-ferħ il-ħbieb tiegħek.
Minħabba f'David, il-qaddej tiegħek, *
twarrabx wiċċ is-sultan, il-midluk tiegħek.

Ant. Ħbiebek jidħlu f'darek, Mulej, b'għajat ta' ferħ.
Ant. 2 Il-Mulej għażel 'il Sijon biex tkun id-dar tiegħu.
L-Għid: Ġesù Kristu waħdu setgħani, is-Sultan tas-slaten u Sid is-sidien, hallelujah.

**II**
Il-Mulej ħalef wegħda lil David, *
u żgur li ma jerġax lura minnha:
"Wieħed min-nisel tiegħek *
jiena nqiegħed fuq it-tron tiegħek.

Jekk uliedek iħarsu l-patt tiegħi *
u l-preċetti li jiena nagħtihom,
uliedhom ukoll għal dejjem *
joqogħdu fuq it-tron tiegħek."

Għax il-Mulej, għażel 'il Sijon, *
u xtaqha tkun id-dar tiegħu:
"Hawn insib il-mistrieħ tiegħi għal dejjem! *
Fiha rrid noqgħod għax ħabbejtha!

Bil-barka nimla' l-ħażniet tagħha, *
bil-ħobż inxabba' l-foqra tagħha.
Bis-salvazzjoni nlibbes il-qassisin tagħha, *
bil-ferħ jgħajtu l-ħbieb tagħha.

Hemm inqajjem qawwa lil David, *
inħejji mnara għas-sultan, il-midluk tiegħi.
Bil-mistħija nlibbes l-għedewwa tiegħu, *
imma fuqu tiddi l-kuruna tiegħu."

Ant. Il-Mulej għażel 'il Sijon biex tkun id-dar tiegħu.
Ant. 3 Il-Mulej Alla tah is-setgħa, il-ġieħ u s-saltna, u l-ġnus kollha jaqduh.
L-Għid: Min hu bħalek fost il-qawwija, Mulej? Min hu bħalek kbir fil-qdusija? hallelujah.

**Kantiku (Apok 11,17-18; 12,10b-12a)**

Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista' kollox, †
li int u li kont, *
talli ħadt il-qawwa kbira tiegħek u bdejt issaltan.

Il-ġnus imtlew bil-korla, †
imma ġiet il-korla tiegħek *
u wasal iż-żmien li jsir ħaqq mill-mejtin,

u jingħata l-ħlas mistħoqq *
lill-qaddejja tiegħek il-profeti,
lill-qaddisin u 'l dawk li jibżgħu minn ismek, *
kemm iż-żgħar u kemm il-kbar.

Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa
u s-saltna ta' Alla tagħna *
u s-setgħa tal-Messija tiegħu,
għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna, *
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.

U huma ħarġu rebbieħa fuqu
bis-saħħa ta' demm il-Ħaruf *
u bis-saħħa tax-xhieda li taw,
u xejn ma għożżew ħajjithom, *
hekk li ħadu saħansitra l-mewt.
Għalhekk ifirħu, smewwiet, *
u intom li tgħammru fihom.

Ant. Il-Mulej Alla tah is-setgħa, il-ġieħ u l-qawwa, u l-ġnus kollha jaqduh.

**LEZZJONI QASIRA 1 Pt 3,8-9**

Kunu lkoll fehma waħda, ħossu għal xulxin, inħabbu bħal aħwa, b'qalb twajba u umli. La troddux deni għal deni jew tagħjir għal tagħjir; għall-kuntrarju, wieġbu bil-barka tagħkom, għax għal dan intom ġejtu msejħa, biex tkunu werrieta tal-barka ta' Alla.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Il-Mulej temagħna * B'qamħ mill-aħjar. Il-Mulej.
V. Xebbagħna bl-għasel mill-blat * B'qamħ mill-aħjar. Glorja. Il-Mulej.

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla ċ-ċkejknin.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem

kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla ċ-ċkejknin.

## PREĊI

Kristu hu r-ragħaj tal-poplu tiegħu, l-għajnuna u l-faraġ tagħhom.
Nitolbuh b'qima kbira u ngħidulu:
*O Alla, kenn tagħna, ismagħna.*
Imbierek int, Mulej, li għoġbok issejħilna fil-Knisja mqaddsa tiegħek:
- żommna u ħarisna fiha għal dejjem.
Int ħallejt il-ħsieb tal-Knejjes kollha f'idejn il-qaddej tiegħek,
il-Papa N.:
- agħtih fidi dejjem sħiħa, tama ħajja, u mħabba kollha ħeġġa.
Reġġa' lura lejk lill-midinbin u sejjaħ mill-ġdid lil dawk li telqu u tbiegħdu:
- agħti l-indiema u s-salvazzjoni lil kulħadd.
Inti nżilt mingħand Missierek biex tgħammar f'din l-art tagħna:
- ftakar f'dawk li huma mbiegħda minn qrabathom u minn pajjiżhom
f'art barranija.
Ħares lejn ħutna l-mejtin kollha, li ttamaw fik:
- daħħalhom fis-saltna ta' dejjem.

**Missierna**

## Talba

Inroddulek ħajr, Mulej, talli għaddejna ġurnata oħra; bl-umiltà kollha nitolbu l-ħniena tiegħek biex tkun twajjeb magħna u taħfrilna n-nuqqasijiet kollha li fihom illum waqajna ta' bnedmin dgħajfa li aħna. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**